# Antoine Camilleri

John Saré



Twieled il-Belt fil-5 ta' Frar tal-1922 minn missier Malti u minn omm Franċiża ta' Algerija.

Antoine jgħid li l-fatt li twieled prematur – ta' 7 xhur - ħoloq relazzjoni speċjali ma' ommu. Ommu kienet il-bidu għall-imħabba lejn l-arti. Lanqas kien għalaq l-10 snin li ma bediex juri sinjali ta' żvilupp mentali għoli għall-età tiegħu. Dan l-iżvilupp kmieni deher qawwi ħafna fl-imħabbtu lejn l-arti.



Sa dan iż-żmien kien diġa beda jikkopja lil Van Dyck, Rembrandt, Reynolds u lil Velasquez. It-Tutur tiegħu kien Dwardu Zammit, kollega ta' Giorgio Preca. Preca kien dak l-artist li pinġa lil Kristu Msallab fil-Knisja tal-Madonna tal-Ħniena fiż-Żejtun. Dan it-titular kien qasam lill-Kleru litteralment min-nofs. Dawk li ma qablux ma' Preca qalu li l-Kurċifiss kien wisq avvanzat għaż-żmien li tpinġa fih – 1946. Illum il-Kurċifiss ta' Preca hu wieħed mill-*masterpieces* li għandna fl-Arti Sagra Maltija.

Nerġgħu nduru fuq Antoine. Meta Giogio Preca ra l-kopji ta' Antoine, sejjħilhom: kopji perfetti.

Minn hawn 'il quddiem, ommu ħadet l-inizzjattiva u kitbitu fl-iSkola tal-Arti l-Belt. L-għalliema tiegħu kienu Edward Caruana Dingli u Carmel Attard Cassar, għalliem tal-Istorja tal-Arti.

Bħal kull ġuvnott ieħor, ġie mgħajjat biex iservi fil-Forzi Armati Ngliżi. Minħabba li hu kien paċifist, ma riedx jieħu l-ġurament ta' lealtà.



Meta ġie mibgħut mas-2nd Regiment Kings Own Malta Regiment, ġie arrestat u kien hawn li ċeda u ħa l-ġurament tal-lealtà. Dam f'dan ir-reġiment sa l-1945. Baqa' xorta jmur l-iSkola tal-Arti.

Minn żmien għall-żmien, il-militar kien jorganizza wirja ta' xogħlijiet tal-membri tal-Forzi Armati. F'waħda minn dawn il-wirjiet kien rebaħ l-ewwel premju b'dan l-awto-ritratt.

Antoine trabba f'ambjent fejn il-kultura Franċiża dejjem kienet minn ta' quddiem nett. Wara l-gwerra ħareġ mill-armata u intefa' kompletament fuq it-tpinġija. Fl-1948 ġiet l-okkażjoni li ma setax jitlifha. Mar Pariġi biex għal sentejn jistudja fl-Akkademja Superjuri di Belle Arti. L-imħabba lejn l-ilsien Franċiż, il-kamp vast fejn seta' jesprimi l-idejat tiegħu bla tfixkil u l-ħajja eċitanti tal-Belt ta' Pariġi, ħallew marka profonda fuq Antoine, tant li ddeċieda li jibqa' hemm. Din id-deċiżjoni ma ntlaqetx tajjeb mill-ġenituri ta' Antoine, tant li telgħu Pariġi biex jipperswaduh jirritorna lejn Malta.

Antoine ġie Malta. Hawn beda l-kalvarju tiegħu. Ħassu magħluq ġo gaġġa li ma tesgħux. Ma kellux ideat fuqhiex jaħdem. Beda joħroġ u jpinġi fil-beraħ. Bejgħ xejn. Barra minn hekk, għalkemm kien kwalifikat, ma sabx post ta' għalliem. Il-mewt ta' ommu f'Mejju tal-1954 kienet daqqa ta' ħarta kbira għalih.



Ħassu waħdu u xahar wara żżewweġ lil Tereża. Minn dan iż-żwieġ twieldu ħamest itfal. Din il-pittura turi lill-mara tiegħu tqila. Imma wieħed biss mexa fuq il-passi ta' Missieru, Antoine Paul. Iż-żmien għaddej u fl-1956 daħal jgħallem il-Lyceum



Beda jgħallem u hawn beda jħoss li l-istudenti tiegħu ma setgħax jagħtihom kontenut Malti biss. Antoine ġera fl-Ewropa u l-Afrika u rreġistra għall-korsijiet fl-Arti bil-ħsieb li jkabbar il-viżjoni artistika tiegħu. Ħa Commonwealth Scholarship u mar Bath Academy of Art. fejn f'din l-Akkademja kiseb studju serju fuq iċ-ċeramika. Kors ieħor kien fl-Accademia Pietro Vanucci ġewwa Peruġja fl-Italja. Hemmhekk studja l-litografija.

Ħadem ħafna f'Malta biex l-Arti fis-sens komplet tagħha tinfirex mal-Maltin kollha. Waqqaf ħafna Ċirkoli tal-Arti fosthom iċ-Ċirkolu tal-Arti Moderna fil-British Council. F'dan iż-żmien il-British Council kien attiv ħafna fil-Gzira tagħna u ħafna u ħafna Maltin ibbenefikaw minn *grants* mogħtija lilna l-Maltin. Għandi l-unur ngħid li jien kont wieħed minn dawk li ħadu grant biex nistudjaw barra. Antoine bilfors kellu jbati sakemm jistabbilixxi ruħu fix-xena artistika. Tamparu kien hemm Frank Portelli, Giorgio Preca u Hugo Carbonaro. Tliet pilastri li kellhom ħafna xogħol kemm fi knejjes kif ukoll kummissjonijiet privati. Għal Antoine kienet dejjem telgħa – *uphill climb.*



Meta ġie minn barra fl-1951 applika biex jgħallem l-arti fl-iskejjel tal-Gvern. Qalulu li ma kienx hemm post. Ftit jiem wara sab ruħu jgħallem fl-Akkademja tal-Arti ta' Perugia. Meta missieru kien għarfu li l-gvern ser idaħħal għalliema ġodda, applika u din id-darba ntgħażel. Fid-Dipartiment tal-Edukazzjoni dam 23 sena jgħallem l-Arti. Barra minn dan kien jgħallem ukoll fl-Iskola tal-Arti il-Belt u fl-Università ta' Malta, fid-Dipartiment tal-Arkitettura. L-istudenti tal-Università tawh laqam lil Antoine. Kienu jsejħulu Ali Baba'. Taħsbux li ddejjaq. Biex l-affarijiet jiġu qrib is-sewwa, fil-kors tal-Arkittettura kien hemm biss 30 student. Allura Antoine kien jirreferi għal dawn l-istudenti My thirty thieves. Mhux dan l-episodju biss juri s-*sense of humour* li kellu Antoine. Imma din trid lecture għaliha weħidha.



Antoine kien bniedem sensittiv ħafna. Il-pittura tiegħu dejjem irriflettit il-mument fl-ambjent ta' madwarù u barra minn ta' madwaru, l-problema ta' saħħtu li kienet tkiddu ħafna.

Kien ukoll sensittiv għal dak li kien qed jiġri barra minn xtutna. Beda propaganda ta' awareness dwar AIDS billi kien ipinġi. Hekk jarah il-mikrobu tal-AIDS.

L-istudju tiegħu kien fi Strada Forni. Kien isejjaħlu "il-Kantina" Veru li kienet kantina kbira ħafna u tinżel ġo fiha permezz ta' taraġ wieqaf. Antoine baqa' sa l-aħħar attiv fil-pittura kemm lokali kif ukoll barra minn Malta.

Fl-1955 seħħet wirja fl-Ewropa bl-isem Gallerija tal-Ewropa fejn ħafna artisti ħadu sehem fiha. Antoine bagħt 3 biċċiet xogħol minn tiegħu. Waħda mit-tlieta kienet "The Fishing Village", intlaqat tajjeb ħafna. Kienet ġiet stampata u riprodotta f'ħafna magazines tal-Arti madwar id-dinja kollha. F'Malta dan ix-xogħol kien magħruf bl-isem ta' Bugibba Breakwater. Bħal din kien għamel erba' differenti 1. terracotta u bamboo fuq il-plywood; 2. terracotta u bamboo fuq il-plywood imma fuq l-iskur; 3. żejt fuq l-injam; 4. tafal, resina u taħlita ta' kuluri.





Il-pittura ta' Antoine hi esperiment kontinwu. Dejjem għaraf japprezza d-diversi tipi ta' kif għandek tpinġi, dejjem hemm il-hsieb wara kull tpinġija. Hi pittura kreattiva.

Nieħdu l-eżempju tas-snin 60, meta tfaċċa l-miniskirt. Antoine mexa maż-żmien u pinġa tfajla bil-miniskirt. Fil-fatt Antoine pinġa l-*mini skirt* billi tawwal saqajn it-tfajla u allura d-dublett jidher qasir. Ma beżax jesperimenta. Kien bniedem li dejjem adatta ruħu għaż-żminijiet.



Esperimenta fil-lino-prints kif ukoll fil-line-drawing.

**Is-Sentiment Reliġjuż**

Billi l-Knisja f'Malta għadha magħluqa fil-konservatiżmu, il-pittura reliġjuża ta' Antoine qatt ma qabdet art, bħalma qatt ma' qabdet art l-arti reliġjuża ta' Josef Kalleya. Dawn it-tnejn għandhom biss biċċa xogħol waħda fil-knejjes ta' Malta.



Antoine għandu Kurċifiss fuq l-*istained glass* fil-knisja ta' San Wistin ta' Ħal Tarxien u Josef Kalleya għandu Kurċifiss li l-Mons. Arċisqof Gonzi ma kienx għoġbu u taha l-interdett lill-iskultura. Dan il-Kurċifiss ma jistax jintwera fil-pubbliku u għadu bl-interdett sal-lum. Imma il-Knisja ta' sentejn jew tliet snin ilu ma rat xejn ħażin li Mons pinġa lill-Kristu mgħawweġ f'disperazzjoni fuq is-Salib u fl-istess ħin kellu sider ta' mara. Dan ġie espost fil-wirja sagra li ttellgħet fil-Muzew tal-Katidral.

Ir-Rettur tal-Knisja ta' Paceville, ried skultura għat-tabernaklu tal-altar maġġur. Għax membru tal-kummisjoni ma għoġbux, it-tabernaklu ma sarx minn Antoine. Parroċċa oħra riedet titular ta' San Ġużepp għal wieħed mill-altari tal-ġnub. Meta ssottometta l-bozzett tax-xogħol, ma ntgħoġobx għax kien modern wisq. Tafu l-għala kien modern ? Għax fl-art ma kienx hemm ċana li ssoltu jkun hemm fil-ħanut tal-mastrudaxxa. Naqralkom it-text eżatt: *The Church found the bozzetto unacceptable to have the carpenter St Joseph without any wood shavings on the floor.*

Antoine Camilleri kien bniedem ta' ħafna aspetti. Hemm l-aspett ta' kif jaħseb, l-aspett ta' kif iġib ruħu man-nies, aspett ta' kif jesprimi ruħu bħala artist, l-aspett ta' kif iżomm persuntu, u l-aspett li beżgħan li jekk imut ħa jintesa. Din tal-aħħar kienet tkiddu ħafna tant li f'waħdu mis-self *portraits* tiegħu, meta pinġa l-leħja bajda, qata' minn wiċċu xagħariet u poġġiehom fil-pittura. Ħafna ma jifhmux lil Camilleri għax qatt ma' ġew wiċċ'imb wiċċ miegħu.

Antoine emmen li l-arti hi xmara li qatt ma' tieqaf, dejjem ġerrejja biex qatt ma' tistaġna. Meta telaq mill-kantina ta' Strada Forni kien mar Strada Zakkarija u hemm kien jiltaqa ma' ħafna nies imma l-aktar studenti, mhux bilfors studenti tal-arti. Magħhom kien jagħddi ħin twil jitkellem fuq kif idea tiġi konċeputa, kif titwieled u tikber biex wara xi żmien issib nieqa fejn tibqa' għal dejjem. Fuqu nnifsu kien qal hekk: *Jien għadni m'inix artist. Jien student bħalkom. Imma qabel ma' nsir artist nispera li nsir bniedem li nifhem, nagħder u naħfer. Allura int ma jistax ikollok għedewwa. L-arti tgħallem kif issir sensittiv, ta' qalbek tajba, kif tkun nisrani sewwa.*